MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Numru. 511/2000

PULIZIJA
SPETTUR STEPHEN MICALLEF
VS
GENEROSO DESIRA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Generoso Desira, ta’ 27 sena, bin George u Carmela nee’ Caruana, imwieled fit-3 ta’ Frar 1973, u residenti 21, Triq Taltas, Zejtun, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 177973(M), u akkuzat talli fis-26 ta’ Mejju 2000 gewwa z-Zejtun, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Antonio Desira miz-Zejtun f’periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura gravi (per durata), skond kif iccertifikat minn Dr A.Cassar tal-Isptar San Luqa, u Dr M.Tufigno tal-Paola Health Centre.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi kiser il-paci pubblika b’ghajjat, glied jew mod iehor.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija tapplika l-Artiklu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan ghas-sigurta' ta' Antonio Desira.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 11) u tal-imputat (a fol 3) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-kwerelant.

Ikkunsidrat:-

WPS 14 Isabelle Camilleri xehdet illi fit-30 ta' Mejju 2000, kien gie missier l-imputat, u cioe' George Desira, biex jaghmel rapport fil-konfront tal-kwerelant Antonio Desira, ghaliex waqt illi kienu fl-ghalqa, Antonio Desira hares lejh, u meta George Desira talbu ghal xiex qed ihares, inholoq konflitt u George Desira mar ghand il-Pulizija sabiex dawn iwissu lil Antonio Desira biex ma jaghmilx dawn l-affarijiet.

Illi ghaldaqstant, hija baghtet ghal Antonio Desira sabiex tkellmu, wissietu kif kellha taghmel u kif hareg Antonio Desira, rega' dahal l-ghassa tal-Pulizija wara ftit mumenti b'wiccu kollu demm, u nforma lill-Pulizija li kien ghadu kemm qala' daqqa minghand it-tifel ta' George Desira, u cioe' l-imputat Generoso Desira.  Is-Surgenta Camilleri ma kellmitx lill-imputat izda kien l-Ufficjal Prosekutur li ghamel dan (ara xhieda a fol 23-24).

Dr Marcel Tufigno, a fol 18, xehed illi ezamina lil Antonio Desira u kkonferma dokument SM1, certifikat minnu rilaxxat. Dr Tufigno xehed illi Antonio Desira kellu qata' fuq xufftejh, kellu nefha taht ghajnejh il-leminija, xehed li kellu xi snien jiccaqalqu, u li huwa kellu jaghmel xi punti fuq xufftejh pero' minn naha ta' gewwa tal-halq. Dr Tufigno xehed illi huwa rreferih l-isptar sabiex jigi ndagat

jekk kienx hemm involut xi ksur tal-ghadam ta’ madwar l-ghajn. Mitlub jaghti klassifikazzjoni tal-griehi, Dr Tufigno xehed illi l-punti l-aktar li kienu minn gewwa, pero’ seta’ jkun hemm biza’ li jkun hemm xi ‘retraction’ tal-gilda u allura f’dan il-kaz, il-griehi jkunu ‘grievous’ pero’ dan jista’ jigi skopert meta jghaddu xi bejn tlieta u erba’ xhur. Dr Tufigno xehed illi l-griehi kienu damu biex ifiequ xi xahar.

Dr Alexander Cassar, a fol 25 et seq, Consultant Dental Surgeon, ikkonferma c-certifikati minnu rilaxxati, u stqarr illi fis-26 ta’ Mejju 2000 huwa ezamina lil Antonio Desira li allega li kien qala’ daqqa ta’ ponn. Dr Cassar xehed illi kien sab tbengil fuq l-ghajn tan-naha tal-lemin u qasma fuq ix-xoffa ta’ fuq minn naha tal-lemin, u anke fuq ix-xoffa ta’ taht. Rigward is-snien ma kien hemm l-ebda ksur, kellu xi caqliq fis-snien. Dr Cassar xehed illi kien sar intervent fuq is-snien li gew isplintjati u marbuta ma’ xulxin. Dr Cassar xehed illi rah wara tlett ijiem u mbaghad rega’ rah wara hmistax-il gurnata, u filfatt tnehhew il-‘wires’ li kienu qed jorbtu s-snien wara sitt gimghat, fejn imbaghad il-kwerelant kompla bi ‘treatment’ normali ghand id-dentist tieghu. Dr Cassar xehed illi seta’ kien hemm possibilita’ illi minhabba d-daqqa, il-qalba tas-sinna, cioe’ l-‘pulp’, titlef il-vitalita’ taghha u tista’ fil-futur tinfetta, u ghalhekk il-griehi kienu **gravi per durata**.

PC 329 Ruben Saliba, a fol 30 et seq, xehed illi fis-26 ta’ Mejju 2000, ghal habta tas-sitta ta’ filghodu kien l-ghassa flimkien ma’ WPS 40, meta certu George Desira gie jirraporta lil huh Antonio Desira. George Desira ried li l-Pulizija jaghtu ‘warning’ lil Antonio Desira biss, u ghaldaqstant, l-istess Pulizija baghtu halli jkellem lil Antonio Desira. Wara li dan gie l-ghassa u gie mitkellem mill-Pulizija, rega’ rritorna wara ftit minuti b’xufftejh minfuha u qal lill-Pulizija illi Generoso Desira (iben George Desira), kien sabu fil-pjazza u kien tah daqqa ta’ ponn u qasamlu xufftejh.

Kenneth Spiteri, a fol 36 et seq, xehed illi huwa jahdem fil-‘clinic’ taz-Zejtun u tan-Naxxar u li kien dentist. Xehed illi ezamina lil Generoso Desira fid-9 ta’ Jannar fil-klinika tieghu z-Zejtun. Id-dentist Spiteri xehed u kkonferma illi

kien Dr Alex Cassar illi rrefera dan il-kaz lilu, u talbu sabiex jittestja ghall-vitalita' tas-snien. Id-dentist Spiteri xehed illi hekk ghamel u sab illi tlieta minnhom ma kinux qed jirrispondu ghat-testijiet li kien qed jaghmlilhom. Id-dentist xehed illi ma setax ikompli t-'treatment' ghaliex filfatt huwa lanqas nerv ma sab ghaliex kollox kien ikkalcifikat minn gewwa. Xehed ukoll illi kien hemm periklu li b'konsegwenza tat-trawma illi kellu, is-snien jistghu jigu nfettati u jkun hemm 'abscess'. A fol 39, id-dentist jispjega ta' kif prova jaghmel 'root canal treatment' halli jnehhi n-nerv, izda sab kollox imblukkat u ghalaq kif seta'. A fol 40, Dr Spiteri jghid is-segwenti:

**'Ahna nafu li s-snien imutu jew b'kawza ta' trawma, kawza ta' xi daqqa ta' xi trawma, jew inkella jista' jigri li jkun hemm 'occlusion disturbance', il-gidma tkun hazina. Jew jista' jkun li tkun 'idiopathic' u cioe' ma nkunux nafu ghalfejn.'**

Dr Spiteri ma setax jeskludi illi s-snien involuti filfatt kienu mejtin qabel dan l-incident. Dr Spiteri kkonferma illi kien hemm 'direct evidence' illi dawn is-snien, minhabba d-daqqa, bdew jiccaqalqu (ara fol 43). Minkejja l-fatt illi l-mobilita' tas-snien tista' tkun kawza wkoll ta' 'periodontal disease' u wkoll tista' tkun tal-eta', id-dentist Spiteri xehed illi kien hemm differenza f'dawn is-snien, minhabba illi kien hemm aktar caqliq minhabba t-trawma u li l-istess snien, minhabba l-'splintering' li sar, issudaw.

A fol 47 et seq, Antonio Desira xehed illi fis-26 ta' Mejju 2000 huwa kien tiela' mill-ghalqa u sema' xi tahbit, dar, u ra lil George Desira li qallu l-kliem **'x'inti thares, hawn taghna'**. Antonio Desira xehed illi huwa rrispondieh bil-kliem **'heq, min hadulek'**. Antonio Desira xehed illi George Desira rrispondieh bil-kliem **'issa nhallsek'**. Antonio Desira xehed illi wara dan huwa baqa' tiela' sad-dar, ha l-kafe', u rcieva telefonata mis-Surgent tal-ghassa li talbu jinzel sal-ghassa u hu hekk ghamel. Antonio Desira xehed illi s-Surgent staqsieh jekk kienx giref lil huh, u hu rrisponda illi ma kienx messu. Antonio Desira xehed illi s-Surgent imbaghad kien baghtu 'l barra mill-ghassa u qallu biex joqoghdu kwieti. Kif hareg mill-ghassa, Antonio

Desira xehed illi sab lil bin George Desira (l-imputat**) ‘u qabad itini minghajr ma naf bih.’** (ara xhieda a fol 50), **‘qabad itini bil-ponn. Le mhux daqqa wahda tani, stordieni, ma stajtx nigbed lin-nies xhud sforz kemm stordieni.’** (ebid a fol 50).

Antonio Desira xehed illi Generoso Desira tah daqqa f’ghajnu u fuq halqu. Antonio Desira kkonferma illi huwa qabel ma qala’ d-daqqiet ta’ ponn, ma kien kellmu lill-imputat Generoso Desira. Antonio Desira kkonferma illi huwa kellu sitta u sittin (66) sena (ara xhieda a fol 53), u li wara dan l-incident haduh l-isptar, fejn ghamlulu xi punti f’halqu. Antonio Desira jichad illi huwa ra lil huh George Desira barra mill-ghassa u li hebb ghalih, beda jghajru u filfatt sawwtu. Antonio Desira esebixxa ritratt illi jinsab a fol 70, u ghamel accenn ghac-certifikati esebiti.

George Desira, a fol 60 tal-process, xehed illi huwa ma kienx prezenti ghall-incident, u **xehed illi huh Antonio Desira ilu jaqbad mieghu dawn l-ahhar tnejn u tletin (32) sena,** dejjem jghidlu kemm ghandu flus u li hu ma ghandu xejn (George Desira). A fol 63, George Desira xehed is-segwenti:

**‘F’xis-sitta u kwart ta’ filghodu kien, hu kien tiela’ u jien kont niezel u gie warajja u jaqbad jaghtini u jrossni mal-hajt u jien nilqaghlu kull darba.’**

George Desira kkonferma illi Antonio Desira dejjem jaqbad mieghu u dejjem isawwtu. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx hemm xi problemi dwar xi qsim ta’ xi propjeta’ jew wirt, George Desira jinnega. Ikkonferma illi anke lill-mara tieghu **‘gieli habbtilha ma’ sidirha’**. George Desira jghid illi x’aktarx il-kagun ta’ dan kollu huwa xi naqra ghira da parti ta’ Antonio Desira. George Desira xehed illi huwa mar ghand it-tabib u wkoll ghamel rapport l-ghassa tal-Pulizija.

A fol 81, Generoso Desira, l-imputat, xehed illi huwa kien jahdem il-fabbrika tal-gwiez iz-Zejtun u li missieru jismu George Desira. L-imputat stqarr illi hu missieru, Antonio Desira, dejjem imqabbad ma’ missieru (George Desira):

**‘ikun niezel warajh u dejjem jaqbad mieghu…ikun niezel u jaqbad itih, jaqbad jghidlu l-kliem ‘itlaq mix-xoghol, itlaq mix-xoghol’. Imbaghad qisu ma jissaportix aktar, jibda’ jinharaq ghax missieri ma jkellmu xejn u jaqbad itih.’**

Dakinhar tal-incident, l-imputat Generoso Desira jghid illi huwa kien sejjer ix-xoghol bhas-soltu ghal habta tas-sitta u nofs ta’ filghodu, u kif wasal fejn Pawlu tat-te’, iltaqa’ ma’ Antonio Desira, cioe’ vicin l-ghassa tal-Pulizija. L-imputat xehed illi Antonio Desira qasam it-triq u gie ghal fuqu u qallu l-kliem **‘lilek sibtek ukoll’**, u dan bir-raghwa f’halqu. Qallu l-kliem ukoll **‘lilek noqtlok irrid ukoll’**. L-imputat xehed ukoll illi Antonio Desira sahansitra gidimlu subghajh, u li huwa kien kostrett illi jaqbadlu mniehru sabiex jerhilu subghajh. L-imputat jghid illi huwa prova jilqa’ wkoll bi spalltu, xehed illi wara mar jaghmel rapport l-ghassa u mar il-‘polyclinic’ jaghmel certifikat. L-imputat xehed illi kieku ma hataflux imniehru, Antonio Desira kien jaqtaghlu subghajh barra. **Illi meta rritorna d-dar wara li mar il-‘polyclinic’ sar jaf bil-grajja rigwardanti missieru**.

L-imputat jinnega assolutament illi huwa hebb ghall-kwerelanti Antonio Desira biex ipattilu ghal dak li kien ghamel lil missieru u jikkonferma illi hu ma kien jaf assolutament xejn x’gara minn missieru sa dak il-hin. Mitlub jghid allura kif iccaqalqulu snienu (il-kwerelant), l-imputat jghid:

**‘forsi subghajja daqs kemm isserrah u bdejt nigbed lura jien u forsi ccaqalqulu snienu wkoll, ghax inti mhux ha tibqaghlu subghajk hekk, trid tigbdu subghajk.’**

A fol 97, Antonio Desira kkonferma x-xhieda li kien ta qabel.

WPS 40 kkonfermat ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u kif George Desira gie jaghmel rapport fuq kummenti li kien ghamillu huh Antonio Desira li kien ukoll habat ghalih.

WPS 40 xehdet illi hija kienet baghtet ghal Antonio Desira li nnega kollox, u ghaldaqstant, kienet baghtitu d-dar. WPS 40 xehdet illi Antonio Desira kien rega' gie l-ghassa wara ftit minuti, u qal li kien habat ghalih Generoso Desira, it-tifel ta' George Desira.

Gew esebiti c-certifikati tat-tlett membri tal-familja. Generoso Desira kien ezaminat minn Dr Mallia fil-Paola Health Centre, u:

**'was found to be suffering from tenderness of the left shoulder, small lateral contusion wounds over right middle finger, small abrasion over left hand, small abrasion over right ear low, injuries of a slight nature'. (ara fol 107).**

WPS 40 ikkonfermat illi meta rega' dahal l-ghassa tal-Pulizija Antonio Desira kellu wiccu bid-demm. WPS 40 ma setghetx tidentifika minn fejn kien gej id-demm li rat f'wicc Antonio Desira, u ghalhekk baghtitu jaghmel ic-certifikat mediku. L-okkorrenza giet esebita bhala dokument WPS a fol 111.

Gew esebiti zewg certifikati medici, dokumenti MC1 u MC2, ta' Generoso Desira u ta' George Desira.

L-imputat Generoso Desira, ikkonferma illi dejjem kien hemm relazzjonijiet hziena bejn missieru George Desira u l-kwerelant Antonio Desira, fis-sens li Antonio Desira kien imqabbad ma' missieru George Desira u dan ghal dawn l-ahhar erba' u tletin (34) sena. L-imputat ikkonferma li Antonio Desira dejjem jitghajjar illi huwa (Antonio) ahjar minn missieru (George) u dejjem jghidlu biex jitlaq' mix-xoghol. Dakinhar tal-incident, l-imputat jghid illi huwa kien sejjer ghax-xoghol f'xis-sitta u nofs, kien ghaddej mill-pjazza fuq il-bankina tan-naha tax-xellug, kien gie fuqu Antonio Desira billi dan qasam it-triq, u qabad itih ghal xejn b'xejn, qallu l-kliem **'lilek sibtek'** u li ried joqtlu wkoll. Generoso Desira xehed illi apparti illi qabad itih, Antonio Desira kien gidmu f'subghajh u ma riedx jitilqu, tant illi huwa beda jipprova jimbuttah bi spalltu, huwa beda jipprova jigbed subghajh minn halq Antonio Desira, u filfatt

sofra griehi tant illi kellu jmur il-'polyclinic' biex idewwulu subghajh. Wara li mar il-'polyclinic' u dewwewlu subghajh, l-imputat mar id-dar u kien hemmhekk illi nduna u sar jaf illi Antonio Desira kien diga' habat ghal missieru iktar kmieni l-istess gurnata.

L-imputat Generoso Desira kkonferma illi huwa qatt ma kellu xi konfronti mal-kwerelant Antonio Desira qabel dan l-incident. L-imputat xehed illi huwa beda jilqa' d-daqqiet bi spalltu, u nnega illi kien ra lil missieru George Desira dakinhar filghodu u li kien hebb ghal Antonio Desira bi tpattija ghal dak li l-istess Antonio Desira kien ghamel lil missieru, u jghid illi huwa filghodu ma jinzilx l-ghalqa ma' missieru, ghaliex huwa jmur ix-xoghol u jkollu jitlaq fis-sitta u nofs ta' filghodu, ghax huwa jahdem fil-fabbrika tal-gwiez.

Din il-Qorti rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Parte Civile.

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konflingenti, il-Qorti ezaminat b'mod akkurat u fid-dettall ix-xhieda kollha li giet prodotta f'dan il-kaz. Infatti gie notat illi l-verzjoni li taw il-partijiet a tempo vergine hija dik li tinstab moghtija b'mod l-aktar preciz u dettaljat fl-okkorrenza illi tinstab a fol 5-9 tal-process.

Illi l-istqarrija tal-imputat Generoso Desira, filfatt ittiehdet fl-1 ta' Gunju 2000 meta fl-allegat incident, mertu tal-akkuza, gara erbat ijiem qabel u cioe' fis-26 ta' Mejju 2000. Dan qieghed jinghad ghaliex il-Qorti hija tal-fehma, wara li ai termini tal-Artiklu 639 tal-Kap 9 , u evalwat il-manjiera li biha l-imputat u l-kwerelant taw ix-xhieda taghhom, **illi z-zewg protagonisti kienu skarsi mal-verita' u ppruvaw ipingu xenarju illi tqeghdhom f'dawl ahjar**. Il-kwerelant per ezempju, jibda' biex jghid illi huwa qatt ma aggredixxa lil huh George Desira li jigi missier l-imputat, **u dan minkejja li kien George Desira l-ewwel wiehed li ghamel dan ir-rapport, minkejja l-fatt illi**

**kellem lill-Pulizija distrettwali, u talabhom biss biex jammonuh ghax ma riedx jiehu passi kriminali kontra huh.**

Infatti, il-kwerelant f'dan il-kaz, Antonio Desira, nizel l-ghassa **ghaliex il-Pulizija ordnawlu li jaghmel dan** halli jkellmuh fuq ir-rapport li ghamel George Desira u biex ma jibqax isawwtu. Gie nnutat illi Antonio Desira fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti cahad illi mess lil huh b'mod vociferu.  Din il-Qorti temmen, pero', li filfatt kien hemm skontru bejn Antonio Desira u George Desira.

Illi minn hemm, l-incident svolga kif filfatt gie dettaljatament spjegat fl-okkorrenza a fol 7-9 tal-process, fejn filfatt l-imputat Generoso Desira:

**'Gerry (Generoso) Desira was called up at his residence and was ordered to call at the Zejtun Police Station immediately. On calling at the Zejtun Police Station, Gerry Desira was accompanied by his father Mr George Desira. When asked what had happened, Gerry stated that he was going to call at Pawlu's Tea Shop, when all of a sudden, he saw his uncle and Gerry asked him why he had attacked his father. Gerry replied that his uncle Anthony Desira had attacked him first, and on seeing this, he did defend himself. Gerry Desira was also seen to be having some injuries and after speaking to him at length, he and his father were informed that all three of them were going to be prosecuted for disturbing the good public peace and order, and also for the injuries that each of them had suffered. This included his uncle.' (ara a fol 8).**

Illi ghalhekk, kuntrarjament ghal dak li jghid l-imputat, fl-istqarrija tieghu, a fol 13, u fil-pedana tax-xhieda, filfatt mhuwiex kredibbli u lanqas ma huwa vero simili. Il-glieda barra mill-ghassa filfatt grat meta l-imputat Generoso Desira mar fuq zijuh, il-kwerelant, ghaliex dan tal-ahhar kien aggredixxa lil missieru u mar ghas-sodisfazzjon. Illi minn hemmhekk, gew fl-idejn, u Anthony Desira spicca li qala' daqqa ta' ponn f'ghajnejh u wahda ohra go halqu,

waqt illi l-imputat Generoso Desira spicca b'gidma sostanzjali f'subghajh.

Skond ix-xhieda ta' Dr Alex Cassar, Consultant Dental Surgeon, (ara fol 25 et seq), Antonio Desira b'kawza tad-daqqiet li qala' f'wiccu, sofra minn mobilita' ta' zewg snien ta' quddiem, 'two incisors', li dawn kienu jehtiegu li jintrabtu permezz ta' 'wires' u dan ghal perjodu ta' sitt gimghat. Illi din kienet ir-raguni illi Dr Cassar ikklassifika l-griehi bhala gravi per durata. Infatti d-dentista Kenneth Spiteri xehed illi s-snien x'aktarx tilfu l-vitalita' taghhom, pero ma setax jaghmel 'route canal treatment', stante illi n-nerv kien kollu kkalcifikat minn gewwa. Dr Spiteri xehed illi l-kwerelant kien ghadu qed ibati bi problemi b'dawn iz-zewg sinniet, ghaliex ma setax jigdem jew jaghfas fuqhom minhabba l-infjammazzjoni mal-'apex' ta' dawn is-snien**. Ix-xhieda ta' Dr Spiteri giet moghtija fl-1 ta' Marzu 2001, u cioe' ftit inqas minn sena wara l-incident.**

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikli 216(1)(d), 338dd u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena. Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-tip ta' griehi nflitti fuq il-kwerelant, u l-fedina penali pjuttost nadifa tal-imputat u l-fatt illi dan l-incident kollu sar in segwitu ta' griehi, albeit hfieh, fuq missier l-imputat mill-istess kwerelant.

Il-Qorti kienet prekluza milli tapplika l-Artiklu 222A tal-Kap 9 stante illi ma giex esebit ic-certifikat tat-twelid tal-kwerelant Antonio Desira ghar-rigward tal-eta' preciza tieghu. In oltre, il-Qorti tqieghed lill-imputat taht garanzija ta' mitt Lira Maltin (Lm100) ghal sena, b'obbligazzjoni li l-istess imputat ma jkellimx u ma jimmolestax lill-kwerelant Antonio Desira u dan ai termini tal-Art 383 Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------